**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 366/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**-vs-**

**ADOLF ATTARD**
**(ID: 55278M)**

**Illum, 1 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ADOLF ATTARD,** detentur tal-karta ta l-identita' bin-numru 55278M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn ix-xahar ta' April 2018 u ix-xahar ta' Dicembru 2018, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew magħmula b'rizoluzzjoni wahda;

Approprija ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, magħmul

fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba kariga jew servizz tiegħu li jammonta għal aktar min €500 izda mhux aktar min €5000, għad-dannu tas soċjeta 'Smart Property Management' (Malta) C79270, u/jew Melvin A Caruana Camilleri u/jew Doris Borg u/jew Keith Mark Calleja u/jew Ritianne Farrugia u/jew Marika Tonna u/jew Godwin Tonna u/jew Jesloanne Borg u/jew Franco Simione u/jew Malcom Deguara u/jew Jesmond Darmanin u/jew Gabriella Portelli u/jew Alessio Gravina u/jew John Baldaccino u/jew Oliver Dimech u/jew Antoine Attard;

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9[1];

Semghet ix-xhieda u l-provi tal-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu 2021, jirregistra ammissjoni u jiddikjara li huwa hati tal-akkuza migjuba kontrih;

Rat illi hija wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u sospendiet fattwalment is-seduta biex tatu zmien jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu wara li ddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jirrikonsidra din l-ammissjoni jew biex

---

[1] 13 ta' Gunju 2019, fol. 8.

jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu s-serjeta` ta' u l-piena erogabbli ghar-reat li jinsab mixli bih;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2021 ammetta ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet td-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-imputazzjoni addebitata lilu.

Il-Qorti semghet id-dikjarazzjoni tal-parti leza, Melvyn Caruana Camilleri waqt l-istess seduta tal-1 ta' Marzu 2021 jiddikjara illi huwa wasal ghal ftehim mal-imputat dwar il-mertu tal-akkuza tal-approprjazzjoni indebita u ghaldaqtant ma ghandu l-ebda interess iehor f'din l-azzjoni u lanqas ma ghandu l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-istess akkuza u ghal kull buon fini, jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Il-Qorti minnufih tosserva illi d-dikjarazzjoni tar-rinunzja ghall-azzjoni kriminali mill-parti leza f'dan il-kaz, ma hija ta' ebda konsegwenza u ma jistax ikollha l-effett li twaqqaf il-proceduri ghaliex l-imputat kjarament gie mixli bic-cirkostanzi aggravanti tar-reat ta' approprjazzjoni bla jedd, hekk kif prospettati fl-Artikolu 294 tal-Kap. 9 u konsegwentement l-azzjoni kriminali tmexxiet *ex officio*.

Madanakollu, il-Qorti ghall-finijiet tal-piena ma tistax ma tiehux in kunsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-parti leza li ma ghandux iktar pretensjonijiet fil-konfront tal-imputat, bhalma lanqas ma tista' ma tiehux qies tal-fedina penali netta tal-istess imputat. Dan juri li l-imputat ghalkemm zbalja darba, mhuwiex moghti ghall-kriminalita` tant illi rrikonoxxa l-izball tieghu u sewwa l-hsara li ghamel.

Ghall-Qorti dan ifisser illi ma jkunx xieraq li taghti sentenza lill-imputat izda fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-karattru tal-imputat, tqis li s-sorveljanza tieghu minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa sabiex jigi assigurat li huwa jaghraf izomm 'il boghod minn kondotta negattiva li tista' twassal ghall-ghemil ta' reati ohrajn. Ghaldaqstant, hija sodisfatta li l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi tal-kaz hija l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda fuq ammissjoni ssib lil ADOLF ATTARD hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446, il-Qorti fissret lill-hati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jingħata sentenza ghar-reat originali, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.**

**Billi ma jirrizultax li gew mahturin esperti jew periti f'dawn il-proceduri, tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghal ordni ghall-hlas ta' spejjez.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT**